# Reġjun Punent

Rapport Amminstrattiv

2024

## 1.1 Membri tar-Reġjun Punent

Din kienet is-sena fejn fit-8 ta' Ġunju saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali kollha madwar Malta u Għawdex u għalhekk ingħatat l-bidu għal leġislatura ġdida. B'riżultat ta' hekk kien hemm bidla fil-membri tal-Kunsill Reġjonali Punent.

Ir-Reġjun jsellem u jirringrazzja għal ħidma li wettqu lis-Sur Mark Camilleri li serva bħala Sindku ġewwa Ħaż-Żebbuġ, lis-Sur Domenic Grech li serva bħala Sindku ġewwa is-Siġġiewi u lis-Sur Terence Agius li serva bħala Sindku ġewwa il-lokalita' ta' Ħal-Kirkop.

Apparti is-Sindki li kienu ikkonfermati, il-membri ġodda tal-Kunsill Reġjonali Punent huma is-Sur Steve Zammit Lupi Sindku ta' Ħaż Żebbuġ, il-Perit Julian Borġ Sindku tas-Siġġiewi u is-Sur Matthew Agius Zammit Sindku ta' Ħal Kirkop.

Ringrazzjament imur lejn il-Kunsilliera,Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema amministrattivi li ma baqgħux iservu matul din is-sena 2024 u nagħtu merħba lil Kunsilliera ġodda eletti u ħaddiema fil-Kunsilli Lokali. Ma jonqosx nirringrazzja ukoll lis-Segretarju Ezekuttiv ta' qabli is-Sa. Elke Sghendo.

## 1.2 Laqgħat

Matul is-Sena 2024 saru 14 il-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali fejn tnejn minnhom kienu msejjħa b'mod urġenti. Il-preżenża f'dawn il-laqgħat kienet kif qed jidher fit-tabella warajja.

| Data | Laqgħa Nu | PREŻENTI | SKUŻAT/A |
|---|---|---|---|
| 16.01.2024 | Laqgħa 30 | 10 | 1 |
| 13.02.2024 | Laqgħa 31 | 8 | 3 |
| 12.03.2024 | Laqgħa 32 | 8 | 3 |
| 2.04.2024 | Laqgħa 33 | 7 | 4 |
| 18.04.2024 | Laqgħa 34 | 6 | 5 |
| 17.05.2024 | Laqgħa 35 | 8 | 3 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20.06.2024 | Laqgħa 36 | 8 | 3 |
| 28.06.2024 | Laqgħa 37 | 8 | 3 |
| 28.06.2024 | Laqgħa 38 | 8 | 3 |
| 23.07.2024 | Laqgħa 39 | 10 | 1 |
| 27.08.2024 | Laqgħa 40 | 7 | 4 |
| 25.09.2024 | Laqgħa 41 | 6 | 5 |
| 28.10.2024 | Laqgħa 42 | 8 | 3 |
| 19.11.2024 | Laqgħa 43 | 9 | 2 |
| 19.12.2024 | Laqgħa 44 | 10 | 1 |

Saru ukoll 4 laqgħat t'informazzjoni għas-Segretarji Eżekuttivi.

Fit-8 ta' Novembru saru żewġ Budget Proposal Workshops fejn f'wieħed kienu mistiedna l-istaff klerikali tal-Kunsilli Lokali li kellhom sessjoni ta' diskussjonijiet mal-Maniġers u ingħataw iċ-ċans li jressqu l-proposti tagħhom kif ukoll kellhom attivita' ta' Team Building.

Fit-tieni workshop kienu mistiedna is-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi ta' kull Kunsill Lokali fejn dawn ukoll kellhom l-opportunita' jiddiskutu u jgħaddu l-proposti u l-ideat tagħhom mal-Maniġers.

## 1.3 L-Amminstrazzjoni tar-Reġjun Punent

Preżentament ir-Reġjun Punent għandu staff komplut. Fi Frar tas-sena 2024 sar l-ingaġġ tal-Maniġer tal-Fondi tal-EU u Lokali is-Sa Dorianne Cutajar, f'Marzu l-ingaġġ tal-Assistenta tal-Kunsill fi Skala 16 is-Sa. Kimberly Xuereb u f' Settembru impjegata fi Skala 18 is-Sa Doris Tanti.

Mill-15 t' April 2024 jiena bdejt inservi bħala Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv part-time minflok is-Sa Elke Sghendo u mit-30 ta' Settembru bdejt il-ħidma full-time bħala Segretarju Eżekuttiv fi ħdan ir-Reġjun.

Fit-18 t' Ottubru is-Sur Duncan Caruana beda jservi bħalha Maniġer tal-Kultura fuq bażi part-time.

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sa Tania Farrugia |
| Maniġer tal-Immaniġjar tal-Iskart | Is-Sur Andre Cordina |
| Maniġer tal-Ambjent | Is-Sur Neil Muscat |
| Maniġer tal-Proġetti | Is-Sur Conrad Fenech |
| Maniġer tal-IT | Is-Sur Adam Cassar |
| Maniġer tal-Kultura | Is-Sur Duncan Caruana |
| Maniger tal-Fondi Lokali u EU | Is-Sa Dorianne Cutajar |
| Uffiċċjal Amminstrattiv II | Is-Sa Aaliyah Vella |
| Uffiċċjal Amminstratttiv I | Is-Sur Dario Borġ |
| Council Assistant | Is-Sa Kimberly Xuereb |
| Uffiċċjal Skala 18 | Is-Sa Doris Tanti |

Matul din is-sena ir-Reġjun ma kellu l-ebda ħaddiema mill-iskemi.

Ir-Reġjun ta opportunita' ta' internships lil diversi studenti barranin li barra li taw is-servizz tagħhom kellhom opportunita' ta' tagħlim u esperjenza ta' xogħol.

## 1.4 Rilokazzjoni tal-Uffiċini tar-Reġjun

Fis-sena 2024 saret ir-rilokazzjoni tal-uffiċċju tar-Reġjun Punent mill-binja tal-Gvern Lokali fil-Marsa għall-ġewwa it-tielet sular taċ-Ċentru Kristu Ragħaj fis-Seminarju tal-Arċisqof fir-Rabat. Dan il-proġett kien jinvolvi il-bdil ta' dormitorju f'uffiċini mgħammra b'dak kollu meħtieġ biex nkunu nistgħu noperaw. Dan kien afdat f'idejn il-Maniġer tal-proġetti u bil-għajnuna tal-ħaddiema kollha tar-Reġjun stajna nirrillokaw l-uffiċini fi żmien relattivament qasir.

## 1.5 Finanzi

Ir-Reġjun Punent għalaq is-sena b'dawn il-bilanċi fil-kontijiet bankarji tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2024:

| | |
|---|---|
| BOV Current | EUR 1,527,182.15 |
| BOV Savings (Waste Account) | EUR 294,030.21 |

Matul is-sena 2024 ir-Reġjun għalaq is-sena finanzjarja b' telf ta' Eur264,522.

Id-dħul mill-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali kienet ta' Eur666,666 u dħul ieħor li jinkludi il-ġbir tal-iskart kien ta Eur2,575,648.

PUNENT REGIONAL COUNCIL

**STATEMENT OF COMPREHENSIVE INCOME**
**For the year ended 31 December 2024**

| | Notes | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| **INCOME** | | | |
| Funds received from Central Government | 4 | **666,665** | 583,332 |
| General Income | 5 | **2,575,548** | 2,196,126 |
| | | **3,242,213** | 2,779,458 |
| **EXPENDITURE** | | | |
| Personnel emoluments | 7 | **(344,524)** | (239,357) |
| Operations and maintenance | 8 | **(2,938,143)** | (2,189,311) |
| Administration and other expenditure | 9 | **(224,068)** | (153,628) |
| | | **(3,506,735)** | (2,582,296) |
| **Operating (deficit)/surplus for the year** | | **(264,522)** | 197,162 |
| Finance income | | **-** | - |
| **(Deficit)/surplus for the year** | | **(264,522)** | 197,162 |

## 1.6 Assistenza finanzjarja lill-Kunsilli Lokali

Il-ħidma tar-Reġjun kompliet tintesifika matul is-sena 2024 permezz ta' diversi proġetti mmexxija mill-Maniġers uħud minnhom mibdijin fis-sena 2023 u oħrajn ġodda. Kienu mnehdija diversi skemi finanzjari lill-Kunsilli Lokali li żgur kienu ta' għajnuna lil dawk li bbenefikaw minnhom.

**Skemi relatati mal-Iskart:**

Kien hemm total ta Eur75,000 disponibbli fi skemi relatati mal-iskart;

- Eur30,000 – Seperazzjoni tal-iskart fil-festi
- Eur30,000 – Tindif intensiv
- Eur15,000 - Oriġinarjament allokati ma' sinjali relatati ma' skart li aktar tard ġew rilokati għat-tindif intensiv.

Minn dan l-ammont ġew utilizzati Eur 27,157 bejn il-Kunsilli Lokali kollha.

**Skemi relati mal-Ambjent**

- Kien hemm allokati total ta' Eur100,000 bejn il-Kunsilli Lokali kollha bħalha fondi biex jintużaw għal *road markings and signage u traffic calming measures* sabiex tkompli tiżdied is-sigurta' fit-toroq tagħna.

Minn dan l-ammont intużaw madwar Eur83,000

- Mexxejna l-proġett fejn ingħataw Eur30,000 mit-TM lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq biex tiġi installata sistema ta' Smart Parking.
- Saret ukoll ħidma sabiex ingħataw mas-Eur60,000 f'fond tal-LESA lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

**Skemi relati mal-Proġetti**

- Matul is-sena 2024 kompliet għaddejja l-iskema tal-fondi tal-LESA għas-servizzi tal-Pulizija, uffiċjali tal-LESA jew Protezzjoni Ċivili waqt il-festi u l-attivitajiet. Din ingħalqet kompletament fit-12 ta' Mejju li għadda u l-fondi kollha

allokati ta’ Eur100,000 fuq perjodu ta’ sentejn ġew utilizzati.

- Ġew mogħtija 80 *crowd barrier*, 8 kull Kunsill Lokali bis-sinjali tal-metall bl-arma tar-Reġjun u ta’ l-10 Kunsilli bil-kitba ‘*Slow Streets’* biex jintużaw għall-għeluq ta’ toroq waqt festi, attivitajiet kif ukoll xogħlijiet.

- Tnehdiet skema ta’ Eur500 lil kull Kunsill Lokali bħala inizjattiva favur il-ħarsien tal-annimali biex isiru *cat shelters* jew affarijiet anċillari. Minn dan il-fond ibbenefikaw 8 Kunsilli Lokali.

- Tmexxiet l-iskema tal-Latrini Pubbliċi Awtomatiċi fejn kien hemm ammont ta’ Eur360,000 allokati biex isir rinovar tal-latrini pubbliċi li jkun jinvolvi sistemi awtomatiċi. Għal din l-iskema applikaw 7 Kunsilli Lokali li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom madwar Eur50,000. Filwaqt li kien hemm Kunsilli li lestew b’suċċess dan il-proġett intalabet estensjoni għall-lokalitajiet illi ix-xogħol għadu għaddej. Kien hemm ukoll Kunsilli li żiedu proġetti oħra minħabba li kien hemm savings sabiex nimmassimizzaw dan il-fond. Nittama li dan il-fond ikun utilizzat kollu w dawk l-kunsilli li jinsabu ftit lura jilħqu ilestu fil-ħin matul din is-sena.

- Il-Maniġers tal-Iskart, Proġetti u Fondi Lokali u EU ikkordinaw bejniethom l-iskema maħruġa mid-DLG tal-Clean Up Campaign li saret f’Settembru 2024 u li permezz tagħha kull Kunsill Lokali ingħata Eur1,500. 7 mill-Kunsilli Lokali għażlu li japplikaw u jingħaqdu mar-Reġjun għal din l-attivita.

- **Kultura**

Sabiex nippromowvu attivitajiet konformi mal-Istrateġija Nazzjonali tal-Kultura, ir-Reġjun ta għajnuna ta’ Eur10,000 lil kull Kunsill Lokali biex jkunu jistgħu

jintefqu fuq attivitajiet kulturali li minnhom intużaw madwar Eur90,400. Tajna wkoll Eur 6,000 fondi addizjonali għall- attivita' ta' Rabat Sacrum u Eur 3000 għal Mixgħela ġewwa Siġġiewi sabiex nkomplu nipromwovu t-turizmu reliġjuż.

- Bħala inizjattiva biex nenfasizzaw l-importanza tal-qari ingħataw ukoll Eur500 lil kull Kunsill biex jintużaw għal-attivitajiet relatati mal-Jum Dinji tal-Ktieb li minnhom intefqu Eur4,400 kif ukoll Eur200 kull Kunsill fl-inizjattiva 'Agħti Rigal Ktieb' fi żmien il-Milied li minnhom intużaw Eur1,470. Tajna ukoll Eur 200 f'kotba lil librerija ġewwa Brussel.

**Skart**

Nagħtu ħarsa lejn il-progress importanti li sar matul is-sena li għaddiet fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart

Kif tafu, it-tender reġjonali għall-ġbir tal-iskart, li ġie introdott mill-Gvern Ċentrali fl-2023, kien bidla strutturali kbira fil-mod kif is-servizzi tal-ġbir tal-iskart jiġu mwettqa madwar Malta. Għalkemm il-qafas ġie stabbilit fuq livell nazzjonali, kien f'idejn kull Reġjun biex jimmaniġġja u jimplimenta t-tender b'mod effettiv.

Ninsabu kburin li fl-2024, ir-Reġjun Punent ma laqatx biss din l-isfida, iżda kien ta' eżempju għal oħrajn.

B'kollox ġbarna 17,822 tunnellata ta' skart domestiku, u konna l-uniku Reġjun f'Malta li rnexxielu jnaqqas b'mod sinifikanti l-iskart imħallat (b'11%) u fl-istess waqt iżid il-ġbir tal-iskart organiku b'14% meta mqabbel mal-2023. Dan huwa riżultat li jirrifletti l-isforz kollaborattiv kontinwu magħkom il-Kunsilli Lokali, l-operaturi, u mar-residenti tagħna.

Għat-tieni sena konsekuttiva, dawn ir-riżultati wassluna biex nirbħu mill-ġdid l-ewwel post fil- *WasteServ Waste Reduction Awards for Best Performing Region.* Rikonoxximent ċar għall-

kwalità tal-immaniġġjar tat-tender u tal-prestazzjoni operattiva tagħna. Bħalha rikonoxximent ta' dan l-isforz ir-Reġjun ingħata is-somma ta' Eur5,000 li magħha ir-Reġjun żied is-somma ta' Eur13,000 biex stajna nimplimentaw l-proġett 'Skips for Schools' biex inkomplu nsaħħu s-separazzjoni tal-iskart fost l-istudenti tal-iskejjel kollha tar-Reġjun Punent.

Is-servizz ta' kwalità huwa daqstant ieħor importanti. Fl-2024 ir-Reġjun irċieva 1,405 ilment uffiċjali relatati mal-ġbir tal-iskart — u minn dawn, 92.5% ġew solvuti fiż-żmien stabbilit fil-kuntratt tat-tender. Barra minn hekk, ġew maħruġa 53 defaults li **ammontaw ghal Eur11,725** lill-kuntrattur, bħala parti minn monitoraġġ u infurzar attiv tas-servizz.

Dan il-livell ta' prestazzjoni mhuwiex każwali, imma huwa frott koordinazzjoni soda, monitoraġġ kontinwu, u impenn għall-kontabbiltà f'kull livell.

Fl-2024, organizzajna diversi kampanji ta' tindif flimkien mal-Kunsilli u l-NGOs, grazzi għal fondi mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u f'kollaborazzjoni mal-NGO Żibel, għamilna studju innovattiv fuq l-iskart iġġenerat waqt il-festi tar-raħal, propjament fil-lokalita tar-Rabat; studju li se jiggwida l-istrateġiji tagħna fil-futur.

Dawn l-inizjattivi, juru kif ir-Reġjun Punent mhux biss qed jimmaniġġja l-iskart b'mod effettiv, iżda qed jistabbilixxi standard nazzjonali ta' kwalità, innovazzjoni u kontabbiltà.

Ninżammu impenjati li nibnu fuq dawn is-suċċessi, ngħollu l-livelli tas-servizz, u nkomplu nappoġġjaw lill-Kunsilli u lill-komunitajiet tagħna sabiex noħolqu Reġjun aktar nadif u sostenibbli.

## Ambjent

Introduzzjoni

Mis-sena l-oħra l'hawn fil-qasam tal-ambjent, ħdimna f'sitt oqsma f'salt: proġetti, inizzjattivi, skemi, kwistjonijiet, konsultazzjonijiet u riċerki.

Proġetti

**Min-naħa ta' proġetti:**

1. Ġew iffinalizzati
    a. Iż-**Żurrieq Smart Parking Project.**
    b. Ic-**CCTV Regjonali** hekk kif anke qed nindirizzaw l-irqaqat żgħar li fadal.

2. Fil-proċess
    a. Nsibu li wasalna lejn l-aħħar tan-**Nudge Active Travel Project** mal-Universita, hekk kif f'Settembru li gej nagħlquh. Dan il-progett tlesta fil-lokalitajiet ta Kirkop, Mqabba, Qrendi, Safi u Żurrieq.

    b. Ħloqna applikazzjoni totali għal fond tat-TM għal **Ħaż-Żebbuġ** bl-isem **Proġett Spazju** fejn **semi-automatic bollards** jigu installati fil-qalba tal-pjazza.

Inizzjattivi

**Fir-rigward t'inizzjattivi:**

1. Ressaqna proposta lil IM u TM li terġa tgħaqqad ir-Rabat u **l-Imdina ma' Ta Qali b'mezzi ta' mixi u roti**, din għadna nsegwuha hekk kif għalaqna sena niġru għal risposta .
2. Applikajna għal kollaborazzjoni **f'Interreg mal-SCH** fuq il-konservazzjoni tad-**Dwejra Lines.**

3. Bis-saħħa tal-Funds manager avviċinajna partner fuq **applikazzjoni għal proġett MedSeaPlastic** fuq riċerka relatata mat-tniġġis tal-ibħra tagħna.
4. Ħejjejna l-ewwel European Urban Initiative (EUI) **City-to-City Exchange f'Malta bejn Rabat u Guimaraes** fuq l-potenzjal ta' Mobility Wallet. Dan seħħ b'kollaborazzjoni mal-Funds Manager u l-Project Manager.
5. Wassalna lil **Kirkop għal fond ta' Traffic Management Plan** tul il-lokalita kollha kif ukoll ressaqna l-opportunita li tintuza l-Malta University Consulting għal din ir-riċerka u l-iżvilupp tal-pjan.
6. B'koordinazzjoni diretta mal-funds manager u l-Malta Business Bureau ressaqna **applikazzjoni robusta taħt il-programm tal-EU LIFE** iżda dan ma ntgħażilx.
7. Ħloqna kuntatt ma' kumpaniji li joffru **servizzi totali ta' ebike rentals.**
8. **Ikkollaborajna** mal-Fondazzjoni għal konservazzjoni tan-**Naħla Maltija** u ma' Ħaż-Żebbuġ, Ħal Safi u Ħal Kirkop għal sensiela ta' **sessjonijiet ta' taħriġ**.
9. Ilqajna kollaborazzjonijiet fuq id-**Dwejra Lines mill-Malta Chamber of Scientists**.
10. Flimkien mal-IT Manager, ikkollaborajna mal-**Light Pollution Action Group taħt l-Astronomical Society of Malta** fuq **kampanja edukattiva** li seħħet primarjament onlajn.

Kwistjonijiet

**Meta niġu għal-problemi li nipprovaw nassistu fihom, nsibu li:**

1. Segwejna u ggwidajna l-Imdina fir-rigward ta' restawr u **tibdil tal-bus shelters.**
2. Issapportjajna għal sentejn lil **Ħal Safi fuq Planning Control Application.**
3. Irrispondejna u ggwidajna l-appell ta' bidder **fit-tender taz-Zurrieq smart parking**
4. Issapportjajna lil **Ħal Safi fil-każ ta PA/3176/22.**
5. Ikkoordinajna komunikat bejn **l-Imqabba u l-ERA** sabiex l-Kunsill jħejji laqgha u jingħata **dettalji fuq is-sidien tal-barrieri** preżenti fil-lokalita għalkemm jidher li ma wasalnix fejn xtaqna.
6. Ressaqna l-interpretazzjoni u s-suġġerimenti tar-Reġjun fuq il-każ **PA/959/24 f'Ħal Safi.**
7. Ħejjejna site visit u ġbidna l-attenzjoni lil Kunsill tas-Siġġiewi fir-rigward **ta' tniġġis robust minn barriera f'Lapsi.**
8. Wassalna **l-Imdina għal tibdil tan-number plate reading camera** li tirregola ic-CVA tac-Citta.
9. Ressaqna spjegazzjoni u pożizzjoni infurmata fuq **PA/5384/24, kif ukoll PA/1738/25 lill-Imqabba.**

Konsultazzjonijiet

**Madankollu għamilna biċ-ċert li nikkontribwixxu f'konsultazzjonijiet u naċċertaw rapprezentazzjoni tar-Reġjun f'diversi oqsma:**

1. Inkluż fl-**EUCC fuq coastal erosion** u l-effetti tal-klima.
2. Fl-**EU Climate Pact Conference.**

3. Fil-**VARCITIES** workshop bħala Partner City sabiex nakkwistaw best practices u soluzzjonijiet tanġibbli fuq pjanar tal-urban.
4. Attendejna workshop tal-NGO **Dawra Madwarna** rigward placemaking u tattiċi ta kif jiġu nvoluti r-residenti f'diżinn tal-urban.
5. Poġġejna għall-intervista u workshops minn **Wageningen University** rigward il-potenzjal u l-ostakli għal-**Renewable Energy Communities f'Malta.**
6. Żorna **Mizzi Motors** fl-introduzzjoni ta' vetturi elettrifikati u utli għal servizzi lokalizzati.
7. Żammejna kuntatt ma rapprezentanti tal-**EIT Urban Mobility** kif ukoll **Friends of the Earth** fir-rigward ta **quantum charging**, il-kumpanija **cube plus**, u attivitajiet għaż-żagħżagħ rispettivament.
8. Saru tliet HOOP Study visits tal-ACR+ fejn fin-Norveġja attendew il-Maniġer tal-Ambjent u tal-Iskart, f'Firenze attendew il-Maniġer tal-Iskart u s-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ Attendejna l-**HOOP study** visit tal-ACR+ fin-Norveġja flimkien mal-Manager tal-Iskart u għal konfernza tal-għeluq ġewwa Murcia fi Spanja attendew is-Sindku ta' Ħad-Dingli u s-Sindku ta' Ħal Kirkop.
9. Kif ukoll il-**MALTAccelerate Festival** li tlaqqa diversi startups.
10. Barra minn xtutna l-grupp maniġerjali attenda d-diversi laqgħat u sessjonijiet fi **Brussel għal EU Regions and Cities Week.**

11. Ikkontribwixxejna wkoll **fit-tieni Voluntary National Review** sabiex nipprovdu feedback u kontenut mil-lenti lokali u reġjonali lil Ministeru tal-Ambjent li kienet qed tieħu ħsieb din il-kumpilazzjoni.

Riċerki

**Fl-aħħar mill-ambitu ta' xogħlijiet u riċerka li ma jaqgħu taħt l-ebda kategorija:**

1. Ħejjejna **Template tal-RFQs għal-Bicycle Racks.**
2. Dħalna medjatur u **assistejna s-Siġġiewi biż-żamma tal-fondi tal-LESA** wara d-data ta skadenza għal Reading Garden.
3. Assistejna s-settur tal-iskart biex **inġabret data tal-iskart fil-festa tar-Rabat**
4. Kif ukoll **site surveying** għall-iskop ta' clean ups.
5. Ħejjejna riċerka tas-suq nazzjonali u internazzjonali rigward **sensors** utli u rikonoxxuti biex **jaqraw il-kwalita tal-arja u l-livelli ta' storbju.**
6. Fakkarna fil-pledge tal-kunsilli għall-eliminazzjoni tal-użu ta confetti u balloons tal-plastic fil-festi.
7. Ħloqna **dokument b'linji gwida fuq mobilita' u t-trasport**. Dan ġie tailor-made għar-Rabat hekk kif kull kunsill ikkarakterizzat b'kwistjonijiet lokalizzati.
8. Bnejna u **offrejna pożizzjoni ta' Research Assistant** lil studenti tal-MCAST iżda l-ebda kors li jallinja mal-pożizzjoni ma joffri apprentistat.
9. Flimkien mal-Funds Manager iggwidajna **lil Ħal Safi f'EU Horizon Project ma Olivieri at proposal stage**.

10. Ressaqna **proposta u service provider olandiż għal mobile app** lid-DLG u AKL bħala hub wieħed ta servizzi u komunikat.

**Fondi Lokali u tal- EU**

1. **Permezz tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u tal-Eu u l-Maniġer tal-Kultura applikajna għall-Fondi tar-Regional Cooperation Programme skema maħruġa mill-Kunsill Malti għall-Arti. Dan il-proġett jindirizza it-tema tas-solitudni u tqasqis fost l-anzjani u ż-żgħażagħ fis-soċjeta permezz ta' drama, arti u kitba.**

   Dan il- Proġett bl-isem – *Arts for Social Change: Empowering Artists, Transforming Communities.* Ġie sottomess f'Ġunju 2024 u approvat f'Lulju 2024

   - ✓ Proġett b'fondi totali ta' €25,000 (€20,000 mill-Kunsill Malti għall-Arti u €5,000 kofinanzjament mir-Reġjun)
   - ✓ Inħarġet sejħa għal atturi, artisti u kittieba li xtaqu jkunu parti minn dan il-proġett.
   - ✓ Matul l-ewwel xhur tas-sena bdew l-jsiru workshops ta' drama mmexxija mill-attur Andre Penza kif ukoll tal-arti mmexxija mill-artista Joanne Fenech Portelli. Wara 6-7 xhur ħidma minn wara l-kwinti fi Frar ittellgħat l-ewwel produzzjoni ġewwa Ħal Safi u f' Marzu saret it-tieni produzzjoni ġewwa is-Siġġiewi. Matul din is-sena ser tkun qed tittella' produzzjoni f'kull lokalita' fir-Reġjun.
   - ✓ B'kollaborazzjoni mal-FES matul is-sajf li ġej ser jsiru workshops ta' kitba fl-iskejjel fuq l-istess tema u esibizzjonijiet bix-xogħlijiet tat-tfal

2. **City-to-City Exchange**

- ✓ Proġett maħdum b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Rabat, l-Muniċipalità ta' Guimaraes (Portugal) kif ukoll l-organizzazzjoni CEiiA (Portugal).
- ✓ Proġett bl-isem *Exploring Alternative Mobility Rewarding as a Bridge to Carbon-Zero Communities.*
- ✓ Saru 2 Skambji fiżiċi f'Jannar u Frar 2025, kif ukoll sezzjoni onlajn f'Marzu 2025. Għal l-iskambju li sar fil-Portugall attenda il-Maniġer tal-Proġetti kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.
- ✓ Fondi totali ta' €15,676 (€6,004 Rabat LC; €9,672 Guimaraes)
- ✓ Proġett li permezz tiegħu inkisbet informazzjoni teknika u professjonali dwar il-*mobility wallet* li jopera f'Guimaraes.
- ✓ Dan il-proġett kien il-bidu ukoll ta' applikazzjoni għall-proġett ikbar taħt Life Subprogramme Climate Action.

**3. Life Subprogramme Climate Action**

- ✓ Partners f'dan il-proġett flimkien ma' Malta Business Bureau, CEiiA (Portugal), LabPaisagem (Portugal), CEAI (NACEC) (Irlanda) u Munster Technological University (Irlanda).
- ✓ Proġett bl-isem ta' *Fostering Intermodality and Modal Shift through Real Time Behaviour Monitoring and Real Time Informed Policy Linked Campaign.*
- ✓ Proġett b'fondi totali ta' €3.2M, fondi allokati għalina €517,000
- ✓ Applikazzjoni li ttellgħet f'Settembru 2024 iżda li sfortunatament ma ingħatawx fondi għaliha.

**4. Applikajna għall-fondi Erasmus+ Small Scale Partnership in Adult Education Project**

- ✓ Proġett bl-isem *Educating Minds of Adults, Promoting Opportunities for Wellbeing, Engagement and Resilience for Voluntary Organisations.*

- ✓ Dan il- Proġett sar bi sħab ma' Richmond Foundation u University of Limerick (Irlanda), kif ukoll bis-sapport tal-Aġenzija Sapport u Foundation for Social Welfare Services (FSWS) (Malta).
- ✓ Grant finanzjarju ta' €60,000
- ✓ Dan il -proġett li ttella' f'Ottubru 2024 li sfortunatament ma ġiex magħżul.
- ✓ Hemm il-pjan li dan il-proġett jerġa' jiġi sottomess wara li jiġi emendat skond kif meħtieġ.

## 5. Creative Europe Project

- ✓ Matul is-sena 2024 ingħata bidu għal ħidma fuq Proġett taħt l-iskema ***European Cooperation Project – Small Scale Project*** b'finanzjament ta' €200,000.
- ✓ Dan il-Proġett kulturali bl-isem UNITY, li jolqot l-arti diġitali, l-istorja permezz ta' siti kulturali kif ukoll il-gastronomija.
- ✓ Bħala parti minn dan il-proġett saret kollaborazzjoni mal-Muniċipalità ta' Calatafimi Segesta fi Sqallija u l-Muniċipalità ta' Alimos fil-Greċja li ingħaqdu magħna bħalha msiebħa.
- ✓ Dan il-proġett huwa Mifrux fuq perjodu ta' sentejn u ser jinvolvi workshops ta' kif isiru l-ġulepp tal-ħarrub, żejt taż-żebbuġ u ġamm tal-larinġ, fiera gastronomika, kif ukoll mobile app ta' cultural heritage trail ta' siti kulturali moħbija fir-Reġjun.
- ✓ Ix-xogħol fuq din l-applikazzjoni imbeda fis-sena 2024 waqt li l-applikazzjoni ttellgħet f'Mejju 2025 u r-riżultat tagħha huwa mistenni f'Settembru ta' din is-sena.

## 6. Lista ta' Proġetti li mseħbin fihom

***Erasmus+*** - Project Blue Water 4 Sustainable Living

***Network of Towns*** – Small Voices for Better EU

Green Dialogues – United for Climate Action Project

***CERV (Citizens, Equality, Rights and Values*** – Small Cities Voices 4 EU

**7. Proġetti oħra**

a) ***Buzz Bee***

- Biex jsostni l-importanza tan-naħla Maltija ir-Reġjun ħaseb biex tinħoloq logħba lifesize Interattiva u edukattiva li se tkun qed titqassam b'xejn lil kull skola primarja fir-Reġjun (total ta' 15-il skola)
- Din logħba bil-lingwa Maltija tagħti informazzjoni siewja dwar il-funzjoni tan-naħla Maltija.
- Din il-logħba hija immirata għal tfal ta' bejn 5 u 15-il sena.

***b) Aġenzija Żgħażagħ***

- Issiħibna fil-*Working Group* li waqfet din l-Aġenzija bl-iskop li jinħoloq stħarriġ dwar iż-żgħażagħ.
- Attendejna għal diversi laqgħat li saru kif ukoll tajna l-*input* tagħna bħala mistoqsijiet relevanti għar-Reġjun, biex dawn jiddaħħlu fl-istħarriġ (*questionnaire*) li qed jinħoloq preżentament.

**8. Komunikazzjoni regolari mal-NGOs u VOs**

- Min-naħa tar-Reġjun tinżamm kommunikazzjoni regolari mal-NGOs u Għaqdiet Volontarji dwar opportunitajiet ta' taħriġ jew skemi finanzjarji.

- Matul l-**<u>2024</u>** intbagħtu 27 email t'informazzjoni maqsumin fi;
  a) 17-il email b'informazzjoni dwar opportunitajiet ta' fondi
  b) 3 emails b'informazzjoni dwar taħriġ
  c) 7 emails b'informazzjoni varja

**Proġetti**

**<u>Il-pubblikazzjoni dwar il-Knejjes fir-Reġjun tal-Punent</u>**

Matul is-sena 2024 ġie mniehdi l-ewwel minn sensiela ta' kotba li ser jkun qed jippubblika ir-Reġjun. Dan il-ktieb bl-isem Djar ta' Alla Djar tal-Poplu, ġie mniehdi permezz ta' serata Mużiko-Letterarja li ttellgħet fil-31 ta' Mejju 2024 quddiem il-knisja ta' Sant' Agata r-Rabat.

Dal-proġett involva ammont konsiderevoli ta' riċerka u ħidma ta' koordinazzjoni bejn l-awtur, il-fotografu, *is-setter*, il-*printer* u diversi kontributuri oħra, biex finalment ikollna prodott finali professjonali u ta' kalibru għoli. Preżentament wasalna sabiex nistampaw il-verżjoni bl-Ingliż. Inħarsu 'l quddiem u nkomplu naħdmu biex fil-futur tiġi ippubblikata it-tieni sensiela fuq in-niċeċ.

**Ġbir taż-Żebbuġ 2024**

Din l-inzjattiva ma kellhiex ir-riżultat li bassarna, minħabba nuqqas kbir ta' żebbuġ, b'riżultat ta' nuqqas ta' xita li kellna matul ix-xhur tax-xitwa, tant li minħabba f'hekk xi Kunsilli Lokali kellhom iħassru din l-attivitá.

Madanakollu mill-4 lokalitajiet illi issieħbu magħna f'dan il-proġett inġabar ammont sabiħ ta' żebbuġ.

132 kg minn Ħaż-Żebbuġ

74 kg minn Ħal-Safi

22 kg mis-Seminarju

12 kg mill-Imqabba

Total ta' żebbuġ: 240 kg ekwivalenti għal 35 litru żejt.

Ir-Reġjun minbarra li ħa ħsieb jipprovdi l-attrezzatura kollha u l-għajnuna neċessarja kemm għal-ġbir kif ukoll għall-għasir taż-żebbuġ, ipprovda wkoll il-flixken u t-tikketti għal kull lokalita, biex il-prodott finali jiġi bbottiljat b'mod professjonali. F'Settembru / Ottubru li ġej apparti għasir taż-żebbug ser nippruvaw nagħmlu ġulepp tal-ħarrub u għas-sena 2026 għandna proposta biċ-ċawsli.

## Flip Book : Attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa

Fis-sena 2024 ġie ippubblikat għall-ewwel darba Flip Book bl-Attivitajiet kollha tal-Ġimgħa Mqaddsa. Saret kommunikazzjoni mal-Għaqdiet u individwi li xtaqu jirreklamaw l-attivitajiet tagħhom u permezz ta' ħidma u koordinazzjoni mir-Reġjun ġew miġbura f'pubblikazzjoni skond il-lokalita'. Sar xogħol professjonali ta' kitba kif ukoll iddisinjar sabiex dan il-proġett seta' joħroġ bl-aħjar format possibbli. Dan il-ktejjeb intlaqa' tajjeb ħafna tant li kien hemm talba biex jerġa jiġi ippublikat din is-sena imma b'format diġitali.

## Lokazzjoni ta' Siġar li tħawlu fit-2023

Sar kuntatt mal-Kunsilli Lokali dwar il-lokazzjoni tas-siġar li kienu ingħataw mir-Reġjun lil diversi Kunsilli bil-għan illi ir-Reġjun ikollu ritratti u rekord tagħhom.

## Assistenza Teknoloġika

Permezz tal-IT Manager matul is-sena 2024 ir-Reġjun assista ‘l fuq minn 100 sejħa għall-assistenza fuq setup ta’ accounts ġodda u problemi oħra teknoloġiċi ta’ kuljum kif ukoll żamm kuntatt mal-istakeholders involuti sabiex jkun assigurat operat effiċjenti fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali.

Sar ix-xogħol kollu infrastrutturali relatat mal-IT sabiex ir-Reġjun ikun jista’ jopera mill-Uffiċini l-ġodda.

Ingħatat l-għajnuna meħtieġa sabiex jiġu imnehdija il-websites il-ġodda tal-Kunsilli Lokali u ingħata is-support meħtieġ sabiex jkun aġġornat il-kontenut.

## Social Media u Digital Marketing

Matul is-sena 2024 inżammet kommunikazzjoni kontinwa mar-residenti permezz tal-midja soċjali fejn ingħatat informazzjoni dwar proġetti li jkunu qed jseħħu, kampanji edukattivi, avvenimenti kulturali u informazzjoni utli dwar il-lokalitajiet tagħna. Sar sforz biex nkomplu nkabbru il-paġna soċjali tagħna u kif turi it-tabella kellna żieda fl-ammont ta’ persuni li jsewgu il-paġna tar-Reġjun.

- Q1: 294 new Facebook follows (+155.7%)
- Q2: 150 new followers
- Q3: +107 new followers
- Q4: +263 new followers (+145.8%)
- Q4 reach: +235% with record 115.3K reach and 3.6K interactions

Assistejna diversi Kunsilli fil-ħolqien ta’ posters u reklamar għall-attivitajiet tagħhom, kif ukoll ġew iddisinjati it-tabelli tal-fliexken taż-żebbuġ u il-fuljett dwar is-separazzjoni tal-iskart li tqassam f’kull dar f’kull lokalita’.

Il-kunċett ta’ IT jidħol tista’ tgħid f’kull avveniment u proġett, u kien ta’ importanza kbira fi proġetti bħal SMART Parking Project fiz-Zurrieq, il-pubblikazzjoni tal-ktieb u tal-Flipbook, fil-Laqgħa

Ġenerali Annwali u Budget Proposal Workshop u avvenimenti kulturali bħal kunċert tal-Apokalissi, Arts for Social Change u oħrajn li seħħew f'kull lokalita'.

L-IT Manager attenda ukoll l-All Digital Summit f' Madrid f'Ottubru 2024 u pparteċipa ukoll fis-seminar tal-MITA fuq Quantum Technologies.

## Kultura

Matul 2024 saru diversi avvenimenti kulturali bil-kontribuzzjoni u l-għajnuna tal-Maniġer tal-Kultura. Saru Laqgħat ma' kull Sindku u Kunsilliera tal-Kultura għat-tfassil tal-kalendarju kulturali -  dan sabiex nifmhu xi ħtiġijiet għandu kull kunsill fil-qasam tal-kultura, x'sar tajjeb u x'jista' jitjieb jew jiġi introdott.

Saru ukoll laqgħat ma diversi organizzjonijet volontarji li joperaw fir-Reġjun fejn iddiskutejna l-ħtiġijiet ta' sapport min-naħa tar-Reġjun sabiex nkunu nistgħu nassistu b'mod finanzjarju flimkien mal-Kunsilli Lokali .

Saru ukoll diversi laqgħat m'artisti varji u stakeholders fil-qasam tal-kultura - eż kantanti u mużiċisti) u artisti sabiex dawn jiġu involuti f'proġetti li r-Reġjun jew il-Kunsilli jkollhom bżonn. Għal dan l-għan qed jinbena database sabiex meta jsiru attivitajiet li, jkun hemm ġabra t'artisti fuq xiex wieħed jista' jdur u jikkonsulta. Dan huwa wkoll konsolidat mal-Kunsill Malti għall-Arti taħt il-binja ta' Direttorju artistiku ġdid.

## Jeunesse Musical International

Saret affiljazzjoni bejn Regjun Punent u l-għaqda mużikali internazzjonali Jeunesse Musical fejn diġa' beda jidher il-frott

fosthom b'parteċipazzjoni f'taħriġ u seminar barra minn Malta. Ta' min jgħid li ukoll li l-JMI ser jkunu kollaboraturi fis-sena li r-Reġjun ser jkun il-Kapitali tal Kultura 2027.

**World Book Day**

Saru diversi attivitajiet relatati mal- Jum Dinji tal-Ktieb sabiex tkompli titrawwem il-kultura favur il-ktieb u l-qari. Tfasslu diversi inizjattivi u attivitajiet fuq bażi lokali fosthom puppet shows għal tfal f'eta' bikrija, makkjetti b'tema, laqgħat mal-awturi fosthom Carmel G Cauchi u John A Bonello, robotika u krafts. Ingħatat għajnuna u suġġerimenti kif għandhom jinxtraw il-kotba b'livelli adattat. Fejn mitluba, ħloqna wkoll ħolqa sabiex il-kunsilli jkunu jafu l-udjenza tagħhom għal waqt l-attivita'.

Konkorrenza kienet tajba ħafna inkluż dik tal-ġenituri fejn dan kien possibbli.
L-iskejjel ukoll laqgħu dawn l-inizjattivi b'mod pożittiv ħafna.

**Progett Apokalissi-**

Dan il-proġett huwa marbut ma' kunċert li se seħħ nhar il-Ġimgħa 19 t'April ġewwa l-Katidral Metropolitan tal-Imdina bis-sehem tal-Orkestra tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.
Il-Maniġer tal-Kultura u IT ikkordinaw , kemm fil-loġistika u l-organizzazzjoni tiegħu, kif ukoll fil-marketing.
Tajjeb ngħidu li l-konkorrenza kienet qawwija tant li mill-pjan oriġinali ta' 300 ruħ, l-udjenza totali laħqet il-kapjenza massima fil-Kattidral. Tant hu hekk li sa l-aħħar ġurnata kellna nordnaw 100 siġġu fuq dak li kien diġa ordnat.

**Rabat Sacrum**

Saru laqgħat regolari ta' kull nhar ta' Ħamis sabiex seta' tittella l-edizzjoni tar-Rabat Sacrum. Dawn il-laqgħat servew għal qsim

t'ideat, support fuq loġistika, qsim ta' kuntatti , pariri fl-awdjo viżwal, armar u fuq affarijiet oħra li kienu meħtieġa.

**Kunċert f'għeluq il-100 sena tal-Orgni**

Ingħata support meħtieġ fl-organizzazjoni tal-kunċert f'għeluq il-100 sena tal-orgni f'Ħal Safi

**Kantata Rjieħ fil-Qolla**

B'inizjattiva tal-Kunsill Lokali u l-Parroċċa tal-Qrendi, il-Kor Sine Macula u Magnificat u finanzjament ta' Reġjun Punent ġiet mtella' il-Kantata bil-Malti Rjieħ fil-Qolla li tirrakkonta l-istorja tal-Qrendi bil-mużika kantata lirika ta' John Buttiġieġ

**Arti fis-sema Mqabbija**

Sostenn fl-ippjanar u l-organizzazzjoni ta' din l-attivita' fejn tajna spazju liż-żewg għaqdiet tan-nar jesponu l-arti tagħhom f'esibizzjoni ġewwa l-iskola

**Natalis Nobilis**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat talab l-għajnuna tal-Maniġer tal-Kultura sabiex jingħata is-sapport meħtieġ sabiex tiġi mtella' l-edizzjoni tal-attivita' annwali Natalis Nobilis.

**Kunċert tal-Milied fl-Imdina**

B'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Mdina ġie organizzat kunċert tal-Milied. L-attivita' inbdiet b'purċissjoni bil-parteċipazzjoni tal-kor tat-tfal fit-toroq tal-Mdina u tkompliet b'kunċert minn kantanti u mużiċisti lokali fil-Kattidral Metropolitan tal-Mdina. Dan il-kunċert kellu attendenza numeruża u intlaqa' tajjeb ħafna minn dawk kollha li attendew.

**Waste Reduction Week**

B'kollaborazzjoni bejn il-Maniġer tal-Iskart u tal-Kultura sar kuntatt mal-ITS sabiex tiġi mtella' attività għal Waste Reduction Week. F'din l-attivita' ipparteċipaw tliet klassijiet minn 3 skejjel differenti fir-Reġjun. F'din l-attivita' saru workshops prattiċi fejn dawn iż-żgħażagħ kellhom l-opportunita' jitgħallmu b'mod interattiv kif jistgħu inaqqsu l-ħela tal-ikel mill-kċina.

**Kollaborazzjonijiet**

Saru Kollaborazzonijiet mal-Western Community Services fi ħdan il-Fondazzjoni għal-Ħarsien u Servizzi Soċjali bi tfassil ta' inizjattivi għall-ġid tal-komunitajiet tagħna fir-Reġjun li jaqgħu ukoll taht il-WCS kif ukoll kollaborazzjoni mar-Richmond Foundation- inizjattivi li potenzjalment jistghu jiġu żviluppati f'kollaborazzjoni fit-tul fejn jidhol taħrig fil-mental wellbeing.

**Attivitajiet Sportivi**

Matul is-sena 2024 ir-Reġjun organizza 11 il-football tournament bejn 8 nurseries fir-Regjun. Dan sabiex jinkoraġġixxi l-attivita' fiżika speċjalment fost it-tfal. Waqt dawn it-tournaments saru ukoll attivitajiet kulturali u edukattivi għat-tfal li pparteċipaw.

**Reġjun Punent Sports Fest**

Fil-5 t' Ottubru ġie organizzat Reġjun Punent Sports Fest flimkien mal-Kunsill Lokali Siggiewi, **Siggiewi FC Nursery, Siġġewi Basketball, Siġġiewi Rowing Club**

**Għeluq**

Għalkemm tajna stampa wiesa' tal-maġġor parti tal-ħidma li saret mir-Reġjun Punent matul is-sena 2024 ninsab ċert li kien hemm ħafna affarijiet oħra li ma daħlux f'dan ir-rapport. Is-

sostenn li l-ħaddiema tagħna jagħtu kuljum lill-Kunsilli Lokali żgur li ma joqgħodx f'dawn il-paġni.

Min qalbi nirringrazzja lis-Sindki membri tal-Kunsill Reġjonali, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u l-ħaddiema kollha tal-Kunsilli Lokali tal-ħidma u kooperazzjoni tagħkhom.

Fl-aħħar u mhux l-inqas ringrazzjament speċjali jmur lejn it-team ta' ħaddiema kollha tar-Reġjun Punent tal-ħidma kontinwa u siewja, u tad-dedikazzjoni tagħhom. Permezz tagħhom l-ideat jsiru realtà, li tissarraf f'ħidma għal ġid taċ-ċittadini tal-lokalitajiet tagħna. Nħarsu 'l quddiem sabiex flimkien nkomplu nagħtu servizz ta' kwalità u professjonalita' lill-Kunsilli Lokali u r-Residenti tagħhom.

Nixtieq nirringrazzja lilkom li attendejtu. Ir-Regjun Punent kommess li jkompli jaħdem u jikkordina ma' kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun u l-ghaqdiet fi hdanu. Filwaqt li nħeġġiġkom sabiex tattendu l-attivitaijiet tar-Regjun u tal-Kunsill Lokali rispettivi, nixtieq nirringrazzjakom tal-appoġġ u sostenn li tagħtu kemm lil Kunsilli Lokali tagħkom, lil Kunsilli Lokali ohra fi ħdan ir-Reġjun u fl-aħħar iżda mhux lanqas is-sostenn tagħkom lejn ir-Regjun Punent.